Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

**MINUTI TAT-TNEJN W'ERBGHIN LAQGHA TAL-KUNSILL**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 1 ta' Dicembru 2009 | | | |
| **HIN** | Minn | 6.00pm | Sa | 8.30pm |

**Prezenti/Skuzat**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | NORBERT PACE |
| **Vici-Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | Dr. | MARIA LOUISA GAUCI BALUCI |
| | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

**1. KORRISPONDENZA**

🗁 Ittra minghand diversi residenti fuq l-gheluq ta' Triq il-Linja waqt il-hin li jkun irid jghaddi t-trasport ta' Sant'Agatha. Is-Sur Norbert Pace talab xi residenti prezenti sabiex jitkellmu fuq din il-problema. Dawn ir-residenti kollha lmentaw rigward l-access minn Triq il-Linja issa li t-triq kienet maghluqa bejn is-6.45 u d-9.00 ta' filghodu. Huma qalu li t-trasport tat-tfal ghal Sant'Agatha qed ikun kompromess minhabba li x-xufiera qed isibu diffikulta' biex jahdmu r-rotta. Dawn ir-residenti bdew joggezzjonaw li din inghalqet biex iggwadanjaw minn gej min fuq. Wara diskussjoni mal-Kunsill gie deciz li temporanjament dawn il-buses ghandhom jinghataw permess biex jghaddu.

🗁 E-mail minghand is-Sinjura Victoria Camilleri rigward line isfar quddiem entratura ta' parapett. Is-Sinjura Camilleri intalbet tersaq lejn il-mejda u tesponi l-ilment taghha. Hi spjegat kif baghtet korrispondenza l-Kunsill fuq *yellow line* fi Triq il-Linja quddiem id-dar 'Gedalya' u inghatat risposta li dan kien sar fuq talba tar-resident li produca permess tal-MEPA xi sentejn ilu u wara li hi kienet ikkonsultat mas-Sindku u raw li ma kien hemm xejn hazin sari il-line. Infatti f'sentejn qatt ma kien hemm ilment wiehed sakemm is-Sinjura Camilleri ilmentat li dan il-line cioe' 'No Parking' qed itellef lilha milli ssib tipparkja meta tmur tixtri n-Nicholsons. Hi lmentat ukoll fuq ir-risposti li nghatat u li ma baghqetx fuqhom, tant li ghamlet rapport il-MEPA fuq din ir-residenza u nstab li l-*front garden* ma kienx mibni skond il-pjanta anzi ma kienx mibni affattu u li allura hi kellha dritt tipparkja hemm. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li forsi zbaljat li ma flietx il-permess tal-MEPA sewwa imma ma rat xejn hazin li r-resident jipparkja l-karozza tieghu fil-*front garden side ways*. Meta mistoqsi jekk is-Sindku kien jafx b'dan il-kaz hu rrisponda li kien jiftakar xi haga imma li ma kienx infurmat bil-problema li nqala. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li dan sar ghax normalment tipprova ssolvi l-problemi hi direttament biex jitnaqqas l-inkonvenjent malajr jekk gustifikat u minghajr ma toqghod tistenna laqgha tal-Kunsill. Imma f'dan il-kaz l-ilment issa ried l-attenzjoni tal-Kunsill la r-resident baqa' jinsisti li l-*line* irid jitnehha u ghalhekk hi ressqet il-korrispondenza ghall-attenzjoni tal-Kunsill. Wara diskussjoni shiha fuq l-impatt ta' dan il-*line* gie deciz li la issa hemm *enforcement* tal-MEPA dan ghandu jitnehha.

🗁 Tlett ittri minghand is-Sur Roger Clark fuq il-problema ta' Triq il-Mingel. Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet ghall-attenzjoni tal-Kunsill il-kwotazzjoni ghall-ittestjar tat-tarmak kif mitlub fl-ahhar laqgha. Din il-kwotazzjoni giet accettata u ghaldaqstant dan il-*core test* ghandu jsir

minnufih. Ghandha wkoll tintbghat ittra lid-Dipartiment ta' l-Artijiet biex jigi certifikat jekk l-art hijiex privata u jekk iva jiehdu hsieb kollox ir-residenti.

🗁 Kopja ta' ittra mibghuta lill-Avukat Zammit-Lewis rigward l-art maghrufa bhalha 'Ta' Miriam' fi Triq Tumas Chetcuti. Inqara l-kontenut ta' l-ittra u gie deciz li tintbaghat ittra lid-Dipartiment ta' l-Artijiet sabiex jigi verifikat jekk din l-art hix privata jew le.

## 2. AGGUDIKAZZJONI TA' TENDER KNIS BL-IDEJN U TINDIF TA' TOROQ URBANI.

Skond kif deciz waqt il-Bord t'Aggudikazjoni it-Tender se tinghata lis-Sinjuri Joseph u Charles Gauci. Mat-tender ghandha tigi mehmuza klawzola li l-haddiem irid jottjeni firma mit-triq li jkun kines. It-tender ghandha tintbaghat lill-Dr. Luisa Gauci Baluci sabiex din tigi miktuba minnha.

## *3. JUM H'ATTARD – GIEH H'ATTARD*

Gew evalwati n-nomini kollha li dahlu li kienu ta':

Monica Chetcuti
David Gauci
Tessie Xuereb u
Emanuel Sciortino,

Gie deciz bi qbil unanimu wara diskussjoni fit-tul li din is-sena 'Gieh H'Attard' imur ghand David Gauci. Is-Sinjorina Amy Zahra li hadet il premju Qalb tad-Deheb talli ghenet persuna marida bil-*muscular dystrophy* giet proposta mis-Sur Mark Anthony Spiteri bi qbil unanimu mill-Kunsill ghal 'Unur H'Attard' u dan inghata lilha wkoll bi qbil unanimu.

Is-Sur Cordina talab lil kulhadd ikun diskret u ma jxandarx l-isem tar-rebbieh.

## 4. PUNTI MQAJJMA

Is-Sur Marko Spiteri ressaq dawn il-punti:

- Informa lill-Kunsill li rcevejna bil-miktub li *shelter* huwa propjeta' tal-Gvern u ghalhekk jista' jigi devolut lilna.
- Rega' appella sabiex jitranga l-hajt ta' Triq Dun Gwann Theuma ma' Dun Mikiel Xerri..
- Triq il-Marg hemm sigra thakkek mal-*wires* tad-dawl sabiex din tigi mizbura.

Is-Sur Zammit ressaq dan il-punti

- Ta rendikont fuq il-laqgha li attenda l-ADT dwar .
- Rega' tenna li s'issa ghadu ma receviex skuza bil-miktub mill-AAC u ghaldaqstant jekk ma jiskuzax ruhhu nnehhulu l-*isponsorship.*

Is-Sur Cassar ressaq dan il-punti:

- Proposta sabiex jinzerghu iktar fjuri ta' l-istagun u nzejjnu ftit iktar ir-*roundabouts* taghna.
- Jitnehhew il-Yukki minn Gnien Misrah Kola.
- Tigi msewwija parti mis-*centre strip* ta' Pjazza Gwann Pawlu II.
- Jigu midurin il-planters ta' Triq l-Isptar.
- Tingab l-istima tar-restawr ta' l-*embankment* m'ghand il-Perit Edward Said inkarigat mis-Sur M.Spiteri.

- Saqsa jekk gewx inkluzi l-artikli dwar l-uzu ta' l-energija  u r-riciklagg fil-perjodiku ta' Dicembru.

Is-Sur J. P. Bonnici ressaq dawn il-punti:

- Jitnaddaf Wied Irmiedi mill-balal tat-tarmak li fadal.
- Isir rapport lill-MEPA fuq dik l-art mitluqa fi Triq il-Qarsajja sabiex jittella cint.  Dan ir-rapport ga sar.
- Gibed l-attenzjoni li l-Bring-in Site ta' Triq il-Pitkali huma mahmugin immens.
- Jinbidlu l-i*stages* tat-toroq arterjali.  Ha jsir rapport l-ADT.

Is-Sur Stefan Cordina ressaq dan il-punti:

- Fakkar f'dik il-bicca bankina proposta mis-Sur Norman Borg.
- Fakkar fl-Un/loading Bay ta' Triq l-Imdina quddiem In-Niccu Bar.
- Talba sabiex issir *bollard* titwahhal u tinqala 'l fuq mill-*Attard Football Club* fi Triq Xatbet l-Art.
- Fakkar fil-*parking bays* ta' Triq il-Passolina.
- Isiru rondi mill-Gwardjani Lokali f'dawn it-toroq Gradilja, Gibba, Durer, Tumas Chetcuti u Sieqja.

Id- Dr.Luisa Gauci Baluci resqet dawn il-punti:

- Gibdet l-attenzjoni tal-Kunsill fuq applikazzjoni li harget l-MCA ghall-wifi fil-lokalita'.
- Parkjar ta' vetturi fuq il-bankina faccata ta' Wied Incita.

**5. AGGORNAMENT**

Il-laqgħa giet aggornata fit-8.30pm ghal data mhabbra iktar il-quddiem.

________________________      ____________________

Sindku      Data